

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Caixa Económica Montepio Geral

Konvenuti: Carlos Samuel Pimenta Marinho, Maria de Lurdes Coelho Pimenta Marinho, Daniel Pimenta Marinho, Vera da Conceição Pimenta Marinho

**Dispożittiv**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domanda magħmula mit-Tribunal Judicial da Comarca de Braga (il-Qorti tad-distrett muniċipali ta' Braga, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 2017.

(<sup>1</sup>) ĠU C 256, 7.8.2017.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fit-18 ta' Awwissu 2017 – Thomas Krauss vs TUifly GmbH**

(Kawża C-500/17)

(2018/C 005/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Frankfurt am Main

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Thomas Krauss

Konvenuta: TUifly GmbH

B'digriet tat-28 ta' Settembru 2017, il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja.

---

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2017 minn Uniwersytet Wrocławski mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-13 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-137/16, Uniwersytet Wrocławski vs L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)**

(Kawża C-515/17 P)

(2018/C 005/24)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Appellanti: Uniwersytet Wrocławski (rappreżentanti: A. Krawczyk-Giehsman u K. Szarek, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)

**Talbiet**

- tannulla d-digriet appellat;
- tiddikjara li r-rikors ġie ppreżentat korrettament;
- tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedura għall-ispejjeż kollha.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju jallega l-ksur tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan l-aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u li tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà, sa fejn din ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li r-relazzjoni ġuridika indikata bejn il-konsulent ġuridiku (radca prawny) u l-Università hija bbażata fuq l-indipendenza u l-ugwaljanza tal-partijiet, u li, min-natura tagħha stess, il-professjoni ta' konsulent ġuridiku fl-ordinament ġuridiku Pollakk hija kkaratterizzata bl-indipendenza kif ukoll bl-assenza ta' subordinazzjoni tagħha fil-konfront ta' partijiet terzi u hija wkoll professjoni ta' fiduċja pubblika.

It-tieni aggravju jallega l-ksur mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura tat-23 ta' April 2015. Dan l-aggravju huwa bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tad-deċiżjoni tagħha inkwantu, fil-motivi tad-digriet appellat, hija pprovdiet dikjarazzjoni astratta u naqset milli tagħmel rabta bejn l-opinjoni espressa u l-fatti inkwistjoni f'din il-kawża, u għalhekk illimitat b'mod sinjifikattiv il-possibbiltà għall-appellanti li tesponi difiża xierqa.

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pécsi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-22 ta' Settembru 2017 – Alekszj Torubarov vs Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal

(Kawża C-556/17)

(2018/C 005/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

### Qorti tar-rinviju

Pécsi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u tax-Xogħol ta' Pécs, l-Ungerija)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Alekszj Torubarov

Konvenut: Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal (Uffiċċju tal-Immigrazjoni u tal-Ażil)

### Domanda preliminari

L-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali<sup>(1)</sup>, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qrati Ungeriżi għandhom is-setgħa jirrifurmaw id-deċiżjonijiet amministrattivi tal-awtorità kompetenti fil-qasam tal-ażil li bihom tiġi miċħuda l-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jikkonċedu l-imsemmija protezzjoni?

<sup>(1)</sup> ĠU L 180, p. 60.

---

### Appell ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2017 mir-Repubblika tal-Polonja mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-13 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-137/16, Uniwersytet Wrocławski vs L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)

(Kawża C-561/17 P)

(2018/C 005/26)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna, aġent)